MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
## ONOR. IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA

Seduta ta' l-20 ta' Ottubru, 2014

Citazzjoni Numru. 145/2013

**Vella Estates Limited (C9908) u Vinco Limited (C14479)**

**-VS-**

**U b'digriet tal-5 ta' Marzu 2013, l-Avukat Dr. Dorianne Vella LL.D u l-Prokuratur Legali Veronica Rossignaud gew mahtura bhala Kuraturi deputati sabiex jirrappresentaw l-eredi mhux maghrufa ta' Saviour Grima (I.D. 608236M)**

**Il-Qorti ,**

Rat ir-rikors guramentat minn Vince Vella bhala Direttur ghan-nom ta' Vella Estates Limited u Vinco Limited tat-12 ta'Frar 2013, li jaqra hekk:

"*Illi s-socjetajiet rikorrenti dahlu f'konvenju ma' Saviour Grima nhar is-sebgha (7) t'Ottubru 2004 quddiem in-Nutar Ian Spiteri ai termini ta' liema l-imsemmi Saviour Grima pprometta u*

*obbliga ruhu li jbiegh u jitrasferixxi lis-socjetajiet rikorrenti li obbligaw ruhhom li jixtru u jakkwistaw indaqs u indivizament bejniethom il-korp ta' bini*
*nnumerati ufficjalment disgha u sebghin(79), wiehed u tmenin (81), tlieta u tmenin (83)*
*u hamsa u tmenin (85) gia bin-numri tmienja u ghoxrin (28), disgha u ghoxrin (29), tletin (30), u wiehed u tletin (31) rispettivament, fi Triq il-Mithna kantuniera ma' Triq is-Sebh, Hal-Qormi bil-prezz ta' mija u tletin elf Lira Maltin (Lm130,000) u dan ai termini tal-kundizzjonijiet imsemmija fl-istess konvenju inter alia illi tali proprjetajiet jinbieghu bil-pussess vakanti (kopja tal-konvenju hawn anness bhala Dok. A);*

*Illi sussegwentement miet il-venditur Saviour Grima nhar is-sebgha u ghoxrin (27) ta' Novembru 2009 u ghalhekk is-socjetajiet rikorrenti intavolaw rikors guramentat li permezz tieghu talbu lil din l-Onorabbli Qorti inter alia tahtar kuraturi deputati sabiex*
*jirraprezentaw l-eredi mhux maghrufa ta' Saviour Grima biex b'hekk jaddivjenu ghall-publikazzjoni tal-att finali relattiv ghall-korp ta' bini fuq imsemmi ;*

*Illi fl-ghaxra (10) ta'Gunju 2011 din l-Onorabbli Qorti ddecidiet l-istess kawza billi laqghet it-talbiet tas-socjetajiet rikorrenti u ddikkjarat illi l-konvenuti kuraturi deputati huma legalment obbligati li jersqu u jaddivjenu ghall-iffirnar u l-pubblikazzjoni tal- kuntratt finali ta' bejgh u trasferiment tal-korp ta' bini ennumerati disgha u sebghin (79), wiehed u tmenin (81), tlieta u tmenin (83) u hamsa u tmenin (85) rispettivament gia numri tmienja u ghoxrin (28), disgha u ghoxrin (29), tletin (30), u wiehed u tletin (31), Triq il-Mithna Kantuniera ma' Triq is-Sebh, Hal Qormi, liberi u franki, bid-drittijiet, giustijiet u l-pertinenzi taghhom kollha, inkluz l-arja libera taghhom, u kkundannat lill- istess konvenuti kuraturi deputati biex jersqu ghall-istess pubblikazzjoni u nnominat lin-Nutar Ian Spiteri biex jirredigi u jippubblika l-kuntratt relattiv ta' bejgh a favur tas-socjetajiet rikorrenti kif ukoll biex jaghmel dawk l-atti kollha li huma necessarji, incidentali, ancillari u/jew konsegwenzjali ghal dan il-ghan u nnominat ukoll lill-Avukat Dr. Mark Busuttil bhala kuratur deputat sabiex jirrapprezenta fuq l-istess att l-eventwali kontumaci (kopja tas-sentenza hawn annessa bhala Dok. B);*

*Illi mill-prezz miftiehem ta' mija u tletin elf Lira Maltin (Lm130,000), kif jirrizulta mill-imsemmija sentenza, s-socjetajiet rikorrenti kienu gia hallsu l-ammont ta' erbghin elf Lira Maltin (Lm40,000) lil Saviour Grima u ghalhekk ghad baqa' jithallas bilanc ta' disghin elf Lira Maltin (Lm90,000) ekwivalenti ghal €209,643 fuq il-kuntratt ta' bejgh u trasferiment finali;*

*Illi in vista tal-kundizzjoni misjuba fil-konvenju msemmi u cioe' li l-fondi in kwistjoni jinbieghu bil-pussess vakanti, kemm il-venditur Saviour Grima u anke s-socjetajiet rikorrenti, f'certu kazijiet b'mod separat u f'kazijiet ohra flimkien, kienu ffirmaw diversi skritturi privati mal-inkwilini tal-fondi in vendita sabiex dawn ta' l-ahhar jivvakaw mill-
fondi relattivi gia la darba huma jircievu kumpens kif miftiehem;*

*Illi ai termini ta' skrittura privata datata tnax (12) ta' Mejju 2005 (kopja hawn annesa bhala Dok. C), is-socjetajiet rikorrenti flimkien ma' Saviour Grima ftehemu ma' Anthony u Mary konjugi Pulo, li accettaw, li jivvakaw ir-razzett numru hamsa u tmenin (85) fi Triq il-Mithna, Hal Qormi versu kumpens ta' hamsa u sittin elf lira maltin (LM65,000), ekwivalenti ghal €151,450, liema somma kellha tithallas in kwantu ghal Lm40,000 ekwivalenti ghal €93,200 da parte tas-socjetajiet rikorrenti u l-bilanc ta' Lm25,000 ekwivalenti ghal €58,250 da parti tad-defunt Saviour Grima;*

*Illi ghalhekk, sabiex jizgumbraw lill-imsemmija konjugi Pulo, s-socjetajiet rikorrenti huma obbligati li jhallsu s-somma msemmija ta' Lm40,000 ekwivalenti ghal €93,200. Is-socjetajiet rikorrenti huma lesti li jhallsu din is-somma lill-konjugi Pulo' li pero' min-naha taghhom, sabiex jizgumbraw mill-istess fond, qeghdin jippretendu wkoll il-hlas tal-bilanc ta' Lm25,000 ekwivalenti ghal €58,250 li ai termini tal-istess ftehim kellu jithallas mid-defunt Saviour Grima;*

*Illi s-socjetajiet rikorrenti huma lesti li jhallsu huma stess dan il-bilanc ta' Lm25,000 ekwivalenti ghal €58,250 ghan-nom tal-eredi tad-defunt Saviour Grima lill-konjugi Pulo' u dan sabiex jigi onorat l-obbligu assunt mill-istess Saviour Grima u konsegwentement jigi zgumbrat il-fond u jinbiegh lis-socjetajiet rikorrenti bil-pussess vacant, b'dan pero' li l-imsemmi ammont ta' €58,250 jitnaqqas mill-bilanc ta' prezz ta' €209,643 dovut fuq l-att ta' vendita' mir-rikorrenti lill-eredi ta' Saviour Grima;*

*Illi ai termini ta' skrittura privata ohra datata l-ghaxra (10) t'Awissu 2007 (kopja hawn annessa bhala Dok. D), l-inkwilin tal-fond numru 83 fi Triq il-Mithna,Hal Qormi, u cioe' Marco Pace, ftiehem ma' Saviour Grima sabiex jizgombra mill-istess fond versu 1-
Pagament ta' Lm30,000 ekwivalenti ghal €69,900 dovuti mill-imsemmi Saviour Grima;*

*Illi sussegwentment, peress illi Saviour Grima gie nieqes, is-socjetajiet rikorrenti ghazlu li jhallsu huma stess lill-imsemmi Marco Pace l-ammont ta' €70,000 li kien dovut minn Saviour Grima kif hawn fuq inghad. Fil-fatt Marco Pace ircieva dawn il-flus li kienu dovuti minn Saviour Grima u zgombra l-fond 83, Triq il-Mithna, Qormi kif jirrizulta mid-dikjarazzjoni maghmula mill-istess Marco Pace nhar is-7 t'Ottubru 2011 quddiem in-Nutar pubbliku Dr. Reuben Debono (kopja hawn annessa bhala Dok. E);*

*Illi ghalhekk, l-istess ammont ta' €70,000 dovut minn Saviour Grima lill-imsemmi Marco Pace sabiex il-fond relattiv ikun liberu u vakanti gie mhallas mis-socjetajiet rikorrenti u ghandu jitnaqqas mill-bilanc ta' prezz ta' €209,643 dovut fuq l-att ta' vendita' mis-socjetajiet rikorrenti lill-eredi ta' Saviour Grima;*

*Illi ai termini ta' skrittura privata obra datata t-tletin (30) ta' Gunju 2008 (kopja hawn annessa bhala Dok. F) is-socjetajiet rikorrenti ttrasferew l-ammont ta' tlieta u ghoxrin elf, mitejn u tlieta u disghin Ewro u tlieta u sebghin centezmu (€23,293.73) lil Saviour Grima u dan unikament sabiex l-istess ammont jinghata a favur l-inkwilini tal-fond numru disgha u sebghin (79) fi Triq il-Mithna, Qormi u cioe' lill-konjugi Anthony u Vanna Pace, li kienu da parte taghhom ftehemu mal-istess Saviour Grima sabiex jizgumbraw mill-imsemmi fond;*

*Illi pero', l-imsemmi ammont ta'tlieta u ghoxrin elf, mitejn u tlieta u disghin Ewro u tlieta u sebghin centezmu (€23,293.73) qatt ma nghata minn Saviour Grima lill-konjugi Anthony u Vanna Pace;*

*Illi ghalhekk, l-istess ammont ta' €23,293.73 ittrasferit mis-socjetajiet rikorrenti lil Saviour Grima specifikatament ghall-izgumbrament tal-inkwilini tal-fond numru 79 ghandu jitnaqqas mill-bilanc ta' prezz ta' €209,643 dovut fuq l-att ta' vendita' mis- socjetajiet rikorrenti lill-eredi ta' Saviour Grima.*

*GHALDAQSTANT, in vista tas-suespost, is-socjetajiet rikorrenti jitolbu bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:*

1. *Tawtorizza lis-socjetajiet rikorrenti jhallsu lill-konjugi Anthony u Mary Pulo bhala l-inkwilini tal-fond 85, Triq il-Mithna, Qormi l-ammont ta' tmienja u hamsin elf, mitejn u hamsin Ewro (€58,250) ghan-nom tal-eredi mhux maghrufa ta' Saviour Grima ai*

*termini tal-ftehim datat it-tnax (12) ta' Mejju 2005 u cioe' sabiex il-konjugi Pulo jizgumbraw mill-imsemmi fond; u konsegwentment;*

2. *Tordna li fuq il-kuntratt ta' bejgh u trasferiment finali tal-fondi nnumerati ufficjalment disgha u sebghin (79), wiehed u tmenin (81), tlieta u tmenin (83) u hamsa u tmenin (85) rispettivament, gia numri tmienja u ghoxrin (28), disgha u ghoxrin (29), tletin (30), u wiehed u tletin (31) rispettivament, fi Triq il-Mithna kantuniera ma' Triq is-Sebh, Hal-Qormi, li ghandu jsir ai termini tas-sentenza ta' din l-Onorabbli Qorti ta' l-ghaxra (10) ta' Gunju 2011 fl-ismijiet Vella Estates Limited (C-9908) u Vinco Limited (C-14479) vs. Avukat Dr. Mark Busuttil u l-Prokuratur Legali Liliana Buhagiar b'digriet tal-15 ta' Jannar 2010 gew nominati bhala kuraturi deputati biex jirrappresentaw l-eredi mhux maghrufa ta' Saviour Grima detentur tal-karta tal-identita' numru: 608236(M) (Cit. Nru. 1262/2009), jitnaqqas mill-bilanc ta' prezz dovut mis-socjetajiet rikorrenti 1-imsemmi ammont ta' tmienja u hamsin elf, mitejn u hamsin Ewro (€58,250) li ghandu jigi mhallas mis-socjetajiet rikorrenti lill-konjugi Pulo ghan-nom tal-eredi ta' Saviour Grima kif fuq inghad;*

3. *Tiddikjara illi s-socjetajiet rikorrenti ghan-nom ta' Saviour Grima hallsu lil Marco Pace l-ammont ta' sebghin elf Ewro (€70,000) sabiex jizgombra mill-fond numru 83 fi Triq il-Mithna,Hal Qormi; u konsegwentement;*

4. *Tawtorizza u tordna li fuq il-kuntratt ta' bejgh u trasferiment finali tal-fondi nnumerati ufficjalment disgha u sebghin (79), wiehed u tmenin (81), tlieta u tmenin (83) u hamsa u tmenin (85) rispettivament, gia numri tmienja u ghoxrin (28), disgha u ghoxrin (29), tletin (30), u wiehed u tletin (31) rispettivament, fi Triq il-Mithna kantuniera ma' Triq is-Sebh, Hal-Qormi, li ghandu jsir ai termini tas-sentenza ta' din l-Onorabbli Qorti ta' l-ghaxra (10) ta' Gunju 2010 fl-ismijiet Vella Estates Limited (C-9908) u Vinco Limited (C-14479) vs. Avukat Dr. Mark Busuttil u l-Prokuratur Legali Liliana Buhagiar b'digriet tal-15 ta' Jannar 2010 gew nominati bhala kuraturi deputati biex jirrappresentaw, l-eredi mhux maghrufa ta' Saviour Grima detentur tal-karta tal-identita numru: 608236(M) (Cit. Nru. 1262/2009), jitnaqqas mill-bilanc ta' prezz dovut mis-socjetajiet rikorrenti l-imsemmi ammont ta' sebghin elf Ewro (€70,000) gia mhallas lil Marco Pace mis-socjetajiet rikorrenti ghan-nom ta' Saviour Grima kif fuq inghad;*

5. *Tiddikjara illi s-socjetajiet rikorrenti ttrasferew lil Saviour Grima l-ammont ta' tlieta u ghoxrin elf, mitejn u tlieta u disghin Ewro u tlieta u sebghin centezmu (€23,293.73) sabiex jithallas lill-konjugi Anthony u Vanna Pace biex jizgombraw mill-fond numru 79, Triq il-Mithna, Hal Qormi, u li l-istess konjugi Anthony u Vanna Pace qatt ma rcevew l-imsemmija somma; u konsegwentement;*

6. *Tawtorizza u tordna li fuq il-kuntratt ta' bejgh u trasferiment finali tal-fondi nnumerati ufficjalment disgha u sebghin (79), wiehed u tmenin (81), tlieta u tmenin (83) u hamsa u tmenin (85) rispettivament, gia numri tmienja u ghoxrin (28), disgha u ghoxrin (29), tletin (30), u wiehed u tletin (31) rispettivament. Fi Triq il-Mithna kantuniera ma' Triq is-Sebh, Hal-Qormi, li ghandu jsir ai termini tas-sentenza ta' din l-Onorabbli Qorti ta' l-ghaxra (10) ta' Gunju 2010 fl-ismijiet Vella Estates Limited (C-9908) u Vinco Limited (C-14479) vs. Avukat Dr" Mark Busuttil u l-Prokuratur Legali Liliana Buhagiar b'digriet tal-15 ta' Jannar 2010 gew nominati bhala kuraturi deputati biex jirrappresentaw l-eredi mhux maghrufa ta' Saviour Grima detentur tal-karta tal-identita' numru: 608236(M) (Cit. Nru. 1262/2009), jitnaqqas mill-bilanc ta' prezz dovut mis-socjetajiet rikorrenti l-imsemmi ammont ta' tlieta u ghoxrin elf, mitejn u tlieta u disghin Ewro u tlieta u sebghin centezmi (€23,293.73) gia ttrasferit lil Saviour Grima ghall-izgumbrament tal-konjugi Pace mill-fond 79, Triq il-Mithna, Qormi kif fuq inghad.*

*Bl-ispejjez."*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati fir-rikors promotur u l-elenku ta' dokumenti esebiti mal-istess rikors;

Rat illi l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati lill- intimati skond il-ligi;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kaz;

Rat ir-risposta guramentata tal-kurturi deputati l-Avukat Dr. Dorianne Vella u l-Prokutartur Legali Veronica Rossignaud tal-25 t'April 2013 li taqra hekk:

*“Illi l-esponenti m'humiex edotti mill-fatti u ghalhekk qedghin jirriservaw id-dritt li jipprezentaw risposta motivata f’kaz u jekk jigu edotti mill-fatti.*

*Salv risposta ulterjuri.”*

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti;

Rat in-nota tal-kuraturi deputati Dr.Dorianne Vella u Prokuratur Legali Dr. Veronica Rossignaud tal-5 ta’Marzu 2014 a fol. 105, u d-dokumenti A sa H annessi mal-istess nota a fol. 106 sa 113;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

**Ikkonsidrat:**

Mill-provi prodotti (senjatament l-affidavit ta’ Vincent Vella Dok. IVG1 a fol.69 et seq, u l-affidavit ta’ John Vella Dok. IVG2 a fol. 72, kif konfermati minnn Nutar Reuben Debono Dok. IVG3 a fol. 75, affidavit ta’ Mario Pace a fol. 76. Affidavit ta’ Anthony Pace a fol. 77 u affidavit ta’ Giovanna Pace a fol. 78) jirrizulta illi Vincent Vella Vella bhala Direttur ta’ Vinco Limited u John Vella bhala Direttur ta’ Vella Estates Limited iffirmaw konvenju ma Saviour Grima quddiem in-Nutar Ian Spiteri fis-7 t’Ottubru 2004. – Vide kopja tal-konvenju Dok. A a fol. 8.

Permezz ta’ dan il-konvenju, l-istess Saviour Grima (id-decujus) intrabat li jbiegh lis-socjeta’ Vella Estates Limited u Vinco Limited il-korp ta’ bini numerati 79, 81, 83, 85 kollha fi Triq Mithna, kantuniera ma Triq is-Sebh Hal-Qormi ghall-prezz ta’ Lm130,000. Dan kien bini okupat minn terzi inkwilini ta’ Saviour Grima.

Ghalhekk is-socjetajiet attrici flimkien ma Saviour Grima, u f’kazijiet ohra Saviour Grima wahdu, iffirmaw skritturi privati mal-inkwilini ta’ dawn il-fondi separati, sabiex jizgumbraw mill-istess fondi versu kumpens stabbilit fl-istess skritturi. In segwitu tal-konvenju u skritturi

ma terzi, Saviour Grima miet fis-27 ta'Novembru 2009 minghajr eredi, u ghaldaqstant is-socjetajiet attrici intavolaw proceduri sabiex isir il-bejgh fianli tal-fondi fuq indikati skond il-konvenju.

Dawn il-proceduri gew finalizzati permezz tas-sentenza tal-10 ta'Gunju 2011, Dok. B a fol. 10 et. seq. tal-process. Jirrizulta illi fuq il-konvenju id-decujus Saviour Grima kien thallas Lm40,000 akkont tal-prezz miftiehem. Ghalhekk jifdal bilanc ta' Lm90,000 x'jithallas fuq il-kuntratt finali.

Jirrizulta pero illi skond il-konvenju, l-bejgh tal-proprejta' rilevanti kellu jsir bil-pussess vakanti. Illi ghalhekk is-socjetajiet attrici u Saviour Grima kienu iffirmaw skritturi mal-inkwilini tal-istess fondi u stabbilew kumpens sabiex l-istess inkwilini jivvakaw il-fondi rilevanti.

Infatti jirrizulta illi permezz ta' skrittura privata datata 12 ta' Mejju 2005 – vide Dok.C minn fol.16 sa 19, is-socjetajiet attrici Saviour Grima kienu ftiehmu ma Anthony u Mary konjugi Pulo li jivvakaw ir-razzett 85 Triq il-Mithna Qormi ghal kumpens ta' Lm65,000 ekwivalenti ghal €151,450, liema hlas kellu jsir kwantu ghal Lm40,000 (ekwivalenti €93,200) mis-socjetajiet attrici kwantu ghal Lm25,000 (ekwivalenti €58,250) minn Saviour Grima.

Is-socjetajiet attrici ddikjaraw illi kienu lesti ihallsu huma stess is-somma ta' Lm25,000 (ekwivalenti €58,250) li huma dovuti minn Saviour Grima b'dana li dan l-ammont kellu jitnaqqas mis-somma bilancjali ta' Lm90,000 li kellha tithallas mis-socjetajiet attrici fl-att finali ta' bejgh.

Permezz tal-iskrittura privata tal-10 t'Awwissu 2007 Dok. D a fol. 20 sa 23, Marco Pace kien ftiehem ma Saviour Grima biex jizgombra minn 83 Triq il-Mithna Hal-Qormi ghal kumpens ta' Lm 30,000 (ekwivalenti ghal €69,900) li kellhom jithallsu minn Saviour Grima.

Peress illi skond l-iskritura Dok.E a fol. 22 is-socjetajiet attrici hallsu lill-Marco Pace is-somma ta' Lm 30,000 (ekwivalenti ghal €69,900) ghan-nom ta' Saviour Grima  l-istess socjetajiet attrici tallbu li din is-somma tigi mnaqqsa mis-somma bilancjali ta' Lm,90,000 li kellha tithallas mis-socjetajiet attrici fl-att finali ta' bejgh.

Permezz tal-iskrittura privata tat-30 ta'Gunju 2008 Dok. F a fol. 24, Anthony u Vanna Pace kien ftiehem ma Saviour Grima u s-socjetajiet attrici biex jizgombraw minn 79 Triq il-Mithna Hal-Qormi ghal kumpens ta' Lm 10,000 (ekwivalenti ghal €23,293.73) li kellhom jithallsu minn Saviour Grima, izda dan ma sarx in vista tal-mewt tal-istess Grima. L-istess socjetajiet attrici f'dawn il-proceduri qed jitolbu li din is-somma tigi mnaqqsa mis-somma bilancjali ta' Lm,90,000 li kellha tithallas mis-socjetajiet attrici fl-att finali ta' bejgh.

Il-Qorti rat u ezaminat l-affidavit ta' John Vella a fol. 72 et seq., li ikkonferma x-xhieda ta' Vincent Vella. Iili di piu' in-Nutar Reuben Debono ikkonferma l-hlas ta' €70,000 lil Marco Pace liema hlas sar mis-socjetajiet attrici – vide fol. 75, u l-affidavit tal-istess Marco Pace li jikkonferma li rceva l-hlas tas-somma indikata a fol. 76.

Il-Qorti rat u ezaminat ukoll l-affidavit ta' Anthony Pace li fih Pace ikkonferma li minkejja hu u martu Vanna ivvakaw il-fond 79 Mill Street Qormi, huma ma thallsux il-kumpens miftihem ta' Lm10,000 minhabba il-mewt ta'Saviour Grima – Vide fol. 77, u l-affidavit ta' Giovanna Pace a fol. 78 li tikkonferma l-istess fatti.

Il-Qorti rat u ezaminat ukoll l-affidavit ta' Anthony Pulo a fol. 95 li jikkonferma x-xhieda tad-Diretturi tas-socjetajiet attrici u xhed illi huwa ghadu ma konsenjax ic-cwievet tal-fond 85 Triq il-Mithna Hal-Qormi 'l ghaliex hu u martu ghadhom ma thallsux l-ammont kollu dovut lilhom in vista tal-mewt ta' Saviour Grima u n-nuqqas ta' eredi tieghu.

Il-Qorti rat u ezaminat is-sentenza datata 10 ta' Gunju 2011 fl-ismijiet Vella Estates Limited u Vinco Limited vs Avv. Dr. Mark Busuttil et, bhala kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw l-eredi mhux maghrufa ta' Saviour Grima ID 608236M li permezz taghha l-Qorti kif diversament preseduta laqghet it-talbiet taz-zewg socjetajiet attrici u ddikjarat li l-konvenuti kuraturi deputati kienu legalment obbligati li jersqu u jaddivjienu ghall-iffirmar u l-publikazzjoni tal-kuntratt finali tal-bejgh u trasferiment ta' bini 79,81,83, u 85 Triq il-Mithna kantuniera ma Triq is-Sebh Hal-Qormi.

Illi minn naha l-ohra l-kuraturi deputati nominati permezz tad-digriet tal-5 ta' Marzu 2013, permezz tan-nota t'eccezzjonijiet taghhom informaw il-Qorti li ma kienux edotti mill-fatti u rriservaw id-dritt taghhom li jipprezentaw nota t'eccezzjonijiet fi stadju ulterjuri.

Il-Qorti rat u ezaminat in-nota tal-kuraturi deputati u rat u ezaminat l-ittri u korrispondenza kollha minnhom ezebita li juru ir-ricerka ghaqlija minnhom ezegwita ghat-tfitxija tal-eredi tad-decujus Saviour Grima –vide korrispondenza Dok. A sa H minn fol. 106 sa 113. Il-Qorti rat ukoll illi dawn ir-ricerki ma sarrfu f'identifikazzjoni ta' eredi tad-decujus Saviour Grima.

Ghal dawn il-mottivi in vista tas-sentenza ta' din il-Qorti kif diversament preseduta datata 10 ta' Gunju 2011, u in vista ta' nuqqas t'opposizzjoni u kontestazzjoni da parti tal-kuraturi deputati nominati, l-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet attrici, u

1. Tawtorizza lis-socjetajiet rikorrenti jhallsu lill-konjugi Anthony u Mary Pulo bhala l-inkwilini tal-fond 85, Triq il-Mithna, Qormi l-ammont ta' tmienja u hamsin elf, mitejn u hamsin Ewro (€58,250) ghan-nom tal-eredi mhux maghrufa ta' Saviour Grima ai termini tal-ftehim datat it-tnax (12) ta' Mejju 2005 u cioe' sabiex il-konjugi Pulo jizgumbraw mill-imsemmi fond; u konsegwentment;

2. Tordna li fuq il-kuntratt ta' bejgh u trasferiment finali tal-fondi nnumerati ufficjalment disgha u sebghin (79), wiehed u tmenin (81), tlieta u tmenin (83) u hamsa u tmenin (85) rispettivament, gia numri tmienja u ghoxrin (28), disgha u ghoxrin (29), tletin (30), u wiehed u tletin (31) rispettivament, fi Triq il-Mithna kantuniera ma' Triq is-Sebh, Hal-Qormi, li ghandu jsir ai termini tas-sentenza ta' din l-Onorabbli Qorti ta' l-ghaxra (10) ta' Gunju 2011 fl-ismijiet Vella Estates Limited (C-9908) u Vinco Limited (C-14479) vs. Avukat Dr. Mark Busuttil u l-Prokuratur Legali Liliana Buhagiar b'digriet tal-15 ta' Jannar 2010 gew nominati bhala kuraturi deputati biex jirrappresentaw l-eredi mhux maghrufa ta' Saviour Grima detentur tal-karta tal-identita' numru: 608236(M) (Cit. Nru. 1262/2009), jitnaqqas mill-bilanc ta' prezz dovut mis-socjetajiet rikorrenti 1-imsemmi ammont ta' tmienja u hamsin elf, mitejn u hamsin Ewro (€58,250) li ghandu jigi mhallas mis-socjetajiet rikorrenti lill-konjugi Pulo ghan-nom tal-eredi ta' Saviour Grima;

3. Tiddikjara illi s-socjetajiet rikorrenti ghan-nom ta' Saviour Grima hallsu lil Marco Pace l-ammont ta' sebghin elf Ewro (€70,000) sabiex jizgombra mill-fond numru 83 fi Triq il-Mithna,Hal Qormi; u konsegwentement;

4. Tawtorizza u tordna li fuq il-kuntratt ta' bejgh u trasferiment finali tal-fondi nnumerati ufficjalment disgha u sebghin (79), wiehed u tmenin (81), tlieta u tmenin (83) u hamsa u tmenin (85) rispettivament, gia numri tmienja u ghoxrin (28), disgha u ghoxrin (29), tletin (30), u wiehed u tletin (31) rispettivament, fi Triq il-Mithna kantuniera ma' Triq is-Sebh, Hal-Qormi, li ghandu jsir ai termini tas-sentenza ta' din l-Onorabbli Qorti ta' l-ghaxra (10) ta' Gunju 2010 fl-ismijiet Vella Estates Limited (C-9908) u Vinco Limited (C-14479) vs. Avukat Dr. Mark Busuttil u l-Prokuratur Legali Liliana Buhagiar b'digriet tal-15 ta' Jannar 2010 gew nominati bhala kuraturi deputati biex jirrappresentaw, l-eredi mhux maghrufa ta' Saviour Grima detentur tal-karta tal-identita numru: 608236(M) (Cit. Nru. 1262/2009), jitnaqqas mill-bilanc ta' prezz dovut mis-socjetajiet rikorrenti l-imsemmi ammont ta' sebghin elf Ewro (€70,000) gia mhallas lil Marco Pace mis-socjetajiet rikorrenti ghan-nom ta' Saviour Grima;

5. Tiddikjara illi s-socjetajiet rikorrenti ttrasferew lil Saviour Grima l-ammont ta' tlieta u ghoxrin elf, mitejn u tlieta u disghin Ewro u tlieta u sebghin centezmu (€23,293.73) sabiex jithallas lill-konjugi Anthony u Vanna Pace biex jizgombraw mill-fond numru 79, Triq il-Mithna, Hal Qormi, u li l-istess konjugi Anthony u Vanna Pace qatt ma rcevew l-imsemmija somma; u konsegwentement;

6. Tawtorizza u tordna li fuq il-kuntratt ta' bejgh u trasferiment finali tal-fondi nnumerati ufficjalment disgha u sebghin (79), wiehed u tmenin (81), tlieta u tmenin (83) u hamsa u tmenin (85) rispettivament, gia numri tmienja u ghoxrin (28), disgha u ghoxrin (29), tletin (30), u wiehed u tletin (31) rispettivament, fi Triq il-Mithna kantuniera ma' Triq is-Sebh, Hal-Qormi, li ghandu jsir ai termini tas-sentenza ta' din l-Onorabbli Qorti ta' l-ghaxra (10) ta' Gunju 2010 fl-ismijiet Vella Estates Limited (C-9908) u Vinco Limited (C-14479) vs. Avukat Dr" Mark Busuttil u l-Prokuratur Legali Liliana Buhagiar b'digriet tal-15 ta' Jannar 2010 gew nominati bhala kuraturi deputati biex jirrappresentaw l-eredi mhux maghrufa ta' Saviour Grima detentur tal-karta tal-identita' numru: 608236(M) (Cit. Nru. 1262/2009), jitnaqqas mill-bilanc ta' prezz dovut mis-socjetajiet rikorrenti l-imsemmi ammont ta' tlieta u ghoxrin elf, mitejn u tlieta u disghin Ewro u tlieta u sebghin centezmi (€23,293.73) gia ttrasferit lil Saviour Grima ghall-izgumbrament tal-konjugi Pace mill-fond 79, Triq il-Mithna, Qormi.

In vista tac-cirkostanzi partikolari tal-kaz, l-ispejjez kollha ghandhom jithallsu in solidum bejn iz-zewg socjetajiet attrici.

**Moqrija.**

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------